Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D.

Appell Nru: 240/2018

Il-Pulizija

Vs

Julian Cachia

Illum 27 ta' Novembru, 2018.

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Julian Cachia detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 223467M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali:

Talli ghax-xahar ta' Jannar 2018, gewwa l-Gzejjer Maltin:

1. Naqas li jaghti lil Annabelle Cachia, is-somma ta' 220 euro, iffissata minn dik il-Qorti jew stipulata fil-kuntratt bhala manteniment ghal uliedu u/jew martu, fi zmien hmistax-il jum minn dak il-jum li fih, skont l-ordni jew dak il-kuntratt kellha tithallas is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-23 ta' Mejju, 2018, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikolu 338(z) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Din il-Qorti sabet lill-imsemmi imputat hati tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u kkundannatu ghal gimgha detenzjoni.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Julian Cachia, ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fid-29 ta' Mejju 2018, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex prevja kwalsijasi dikjarazzjoni li jidhrilha xierqa u opportuni, taqta' u tiddeciedi l-kawza billi thassar is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-23 ta' Mejju 2018, minflok tillibera lill-esponenti mill-akkuzi migjuba kontra tieghu.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Julian Cachia huma s-segwenti u cioe`:-

1. Illi fl-ewwel lok l-esponenti jhossu aggravat bil-fatt illi minkejja li hareg b'mod car u inekwivoku illi l-manteniment dovut ghax-xahar ta' Jannar thallas, u dan mhux biss mid-*deposit slip* ipprezentata in atti, u mhux biss mix-xhieda tal-esponenti imma sahansitra mix-xhieda tal-parte civile stess li kkonfermat illi hija rceviet l-ammont in kwistjoni fil-kont taghha, il-Qorti ghal xi raguni xorta wahda sabitu hati.

2. Illi aktar minn hekk, il-Qorti *in Prim Istanza*, fis-sentenza taghha turi li hija wkoll accettat li l-hlas effettivament sar, ghaliex kieku ma sarx kienet tordna wkoll li jithallas l-ammont in kwistjoni, kif dejjem jigri. Il-fatt li ma kien hemm l-ebda ordni ghall-hlas ifisser logikament illi l-Qorti accettat illi l-esponenti hallas ghaz-zmien mertu tal-akkuzi.

3. Illi effettivament l-esponenti jhossu aggravat ukoll ghaliex, jekk ir-raguni il-ghaliex huwa nstab hati mhuwiex ghaliex ma hallasx, imma ghaliex il-kont tal-parte civile huwa ssekwestrat, semmai huma hatja ta' disprezz il-kaxxiera tal-BOV u mhux l-esponenti gia la darba l-bank m'ghandu l-ebda setgha illi jcahhad l-ammont iddepozitat li huwa protett bil-ligi.

4. Illi jekk l-Artikolu 381(1)(e) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta jistipula car u tond illi manteniment ma jistax jigi milqut b'sekwestru, u fl-istess hin l-esponenti ddepozita gewwa l-kont tal-parte civile l-ammont minnu dovut in linea ta' manteniment, bil-konsapevolezza li dawn jistghu jingibdu bla xkiel mill-parte civile ghax protetti bil-ligi, mela l-esponenti ma jistax jahti ghan-nuqqasijiet tal-bank.

5. Illi fil-kont in kwistjoni kienu qeghdin jidhlu €200 kull xahar minghand Julian Cachia. Il-parte civile, bis-sahha tad-digriet moghti, facilment setghet turi lill-bank illi Julian Cachia li qieghed jiddepozita €200 kull xahar, qieghed jaghmel dan id-depozitu bhala l-manteniment ordnat, u b'hekk il-bank kien fl-obbligu illi jirrilaxxa dan l-ammont.

6. Illi jekk il-bank naqas milli jobdi l-ligi, jew kien pedantiku mal-parte civile aktar milli titlob il-ligi, mhuwiex nuqqas tal-esponenti, imma semmai huwa nuqqas tal-kaxxiera tal-bank, li naqsu milli jobdu kemm l-ordni tal-Qorti kif ukoll milli jobdu l-ligi. Illi jekk il-bank ma jridx jobdi l-ligi, u jiskarta kompletament l-Artikolu 381(1)(e) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u jivvinta ligi ghalih, dak affarih, u l-parte civile setghet tiehu dawk il-provedimenti civili kollha li trid kontra l-bank, imma ma tistax tippretendi illi ghan-nuqqas tal-bank l-esponenti, li huwa ragel ta' kondotta nadifa, jinstab hati u jehel gimgha detenzjoni.

7. Illi l-esponenti obda l-ligi, u dan billi hallas l-ammont minnu dovut, qaghad ghall-ordni tal-Qorti bid-digriet, u ddepozita l-ammont dovut ghaliex ai termini tal-Kap 12, dan l-ammont huwa protett minn kull sekwestru. Illi jekk il-bank, flok jaghzel li japplika l-ligi ai termini tal-Kap 12, japplika minflok il-

*lex BOV*, u ma jhallix lill-parte civile tigbed dawn il-flus, irid jirrispondi ghan-nuqqasijiet tieghu l-bank, ghaliex l-esponenti huwa soggett ghal-ligijiet ta' Malta, li huwa obda, u mhux ghal-ligijiet ivvintati mill-bank.

8. Illi dan qieghed jinghad bil-prezunzjoni illi l-parte civile verament marret tipprova tigbed il-flus iddepozitati mill-bank, ghaliex fil-process, hlief il-kelma taghha, m'hemm l-ebda prova li juri dan.

9. Illi l-aggravju tal-esponenti jikkonsisti wkoll fil-fatt illi gia la darba l-parte civile, u l-bqija tal-provi kollha, juru li l-esponenti effettwa l-hlas, u dan ghamlu fil-kont bankarju tal-parte civile, kif tammetti in kontro-ezami l-parte civile stess, li tikkonferma illi l-hlas ircevietu u li l-kont bankarju huwa taghha, kif jista' l-esponenti qatt jinstab hati talli naqas milli jhallas.

10. Illi d-digriet tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) huwa car. L-esponenti jrid ihallas manteniment ta' €200 fix-xahar, liema hlas sar ghaliex gie depozitat il-bank. Illi l-Artikolu 381(1)(e) jistipula li manteniment ma jistax jigi ssekwestrat. Illi l-esponenti gie akkuzat taht l-Artikolu 339(z) li ma hallasx il-manteniment. Illi ghalhekk l-aggravju tal-esponenti jikkonsisti fil-fatt illi huwa l-manteniment hallsu, hallsu kollu, qeda l-obbligi tieghu, u ghalhekk huwa m'ghandux jinstab hati kriminalment semplicement ghaliex il-bank iddecieda b'mod vessatorju illi ma jirrilaxxax id-depozitu mhallas, u dan skont il-parte civile, ghax fuq kollox ma hemm l-ebda konferma mill-bank li gie rrifjutat ir-rilaxx tal-flus.

11. Illi l-provi li kellha quddiemha l-ewwel Qorti juru li l-esponenti hallas il-manteniment dovut minnu u ghalhekk huwa kellu jigi liberat mill-akkuzi migjuba kontra tieghu. Illi l-bazi tas-sejbien tal-htija huwa l-allegazzjoni tal-parte civile li hija ma setghetx tizbanka l-flus minhabba s-sekwestru u dan minkejja illi l-ligi tipprotegi ammonti mhallsin bhala manteniment minn sekwestri. Illi jirrizulta wkoll li l-parte civile ghazlet li tinkorri ghal dawn il-proceduri flok tipprocedi ghal digriet jew dikjarazzjoni li jikkonferma li l-manteniment huwa protett bil-ligi.

12. Illi ghalhekk dan ifisser biss li, jew mhuwiex minnu li l-parte civile ppruvat tizbanka l-ammont in kwistjoni u sempliciment ghamlet rapport frivolu u falz, jew inkella, il-bank qieghed, bhalma gieli jigri, jivvinta l-ligi u jirrifjuta l-izbank. Illi f'kull kaz, l-esponenti ma jahtix, u ghalhekk kellu jigi liberat.

13. Illi fuq kollox mhijiex l-ewwel darba, specjalment f'kawzi civili aktar milli kriminali, li l-Qrati taghna icanfru lil rapprezentanti tal-banek, ghaliex l-istess rapprezentanti ma jobdux l-ordnijiet tal-Qorti, fost kwistjonijiet ohra fuq ezenzjonijiet, u fuq informazzjoni rigwardanti klijenti fost ohrajn, u jkunu sahansitra pedantici zzejjed anke meta informazzjoni tigi mitluba jew ordnata mill-Qorti. Illi jekk il-banek gieli lanqas biss jobdu lill-Qrati, ahseb u ara kemm jista' l-esponenti jinstab hati ghaliex il-bank ghogbu li ma jobdix il-ligi.

14. Illi effettivament is-sentenza moghtija mill-Qorti in Prim Istanza, ser tikkawza aktar problemi milli ssolvi u hija lanqas soluzzjoni tajba ghall-partijiet u dan ghaliex, l-esponenti qieghed jissogra illi bis-sentenza jitlef l-impjieg tieghu, minkejja li l-obbligu tieghu qdieh ghaliex il-hlas effettwah, u meta hu tul iz-zwieg kollu ta' 25 sena dejjem mantna lil familtu wahdu, u ghadu sal-lum imantni zewgt itfal minkejja li wahda ghandha 23 sena, qatt ma kellu x'jaqsam mal-Pulizija u l-gustizzja, u f'daqqa wahda, minhabba li l-bank ma jridx jobdi l-ligi, jispicca l-habs hu.

15. Illi sussidjarjament, l-esponenti jhossu aggravat ukoll bil-fatt illi, fic-cirkostanzi, il-piena ta' gimgha detenzjoni hija wahda esagerata.

Semghet lill-partijiet jivverbalizzaw is-segwenti fis-seduta ts-16 ta Ottubru 2018.

Dr Mario Mifsud ghal-parte civile stqarr illi kien qed jikkonferma li l-hlas tal-manteniment dovut lil-parte civile ghax-xahar ta' Jannar gie depositat fid-29 ta' Jannar 2018 u l-flejjes gew ddepozitati gewwa l-kont bankarju 40020680826 mal-Bank of Valletta. Illi in segwitu sar kontro mandat mil-kwerelanti biex dawn il-flejjes jistghu jigu zbankati u l-appellant ta' l-visa tieghu. Illi l-Bank nonnostante li gie notifikat b'tali kontro mandat Numru 235/2018 injora l-effetti ta' dan il-kontro mandat u meta l-manager tal-Branch tal-Belt gie affaccjat b'kopja vera ta' l-istess

kontro mandat huwa gharrraf lill-kwerelanti li *'dik kienet bicca karta tieghek'* meta l-kopja li kellha f'idejha kienet kopja legali u ghaldaqstant il-flus ma gew zbankati.

Dr Buttigieg ghan-nom tal-appellant iddikjara illi dak dikjarat minn Dr. Mifsud huwa minnu u ddikjara ulterjorment illi l-kont imsemmi f'dan il-verbal huwa wiehed intestat biex jircievi l-manteniment dovut lill-kwerealnti.

Semghet lill-partijeit jittrattaw il-kawza.

Illi l-kwerelanti ma xedhitx quddiem din il-Qorti pero' jirrizulta mill-atti is-segwenti u dan mhux kontestat.

1. Illi l-appellant u l-parte civile konjugi Cachia twieldu zewgt itfal wahda minnhom Chloe ghadha minuri.
2. Illi l-appellant u l-parte civile ghaddejjin minn proceduri ghas-separazzjoni *ad mensa et thoro*.
3. Il-kwerelanti ottjeniet digriet mill-Qorti tal-Familja numru 1123/17 fejn l-appellant gie ordnat ihallas manteiment lil-minuri fis-somma ta €200 fix-xahar oltre nofs l-ispejjez ghas-sahha u edukazzjoni taghha u dan b'effett mit-3 ta Jannar 2017 (vide fol 20).
4. Illi skond ma xehed PC 508 u mhux kontestat li l-parte civile nhar is-16 ta' Frar 2018 ghamlet rapport l-ghassa tal-pulizija tal-Hamrun li l-appellant ma hallashiex manteniment ghax-xhar ta' Jannar 2017.
5. Illi jidher mill-atti pero' li nhar id-29 ta Jannar 2018 u cioe hdax-il jum wara il-hmistax-il jum li taghti l-ligi ghall-hlas ta' maneniment l-appellant ddepozita is-somma ta' mitejn euro ( €200) fil-kont tal-parte civile u cioe' fil-kont tal-Bank of Valletta numru 40020680826.
6. Illi jidher li dan il-kont kien kopert b'mandat ta' sekwestru nonostante li dan kien kont destinat li jircievi BISS il-manteniment dovut mill-appellant lil-martu l-kwerelanti.

7. Illi l-kwerelanti pprezentat kontro-mandat bil-visto tal-appellant u dan gie milqugh mill-Qorti pero' meta marret biex tirtira l-flus sabet ostakoli mar-rappresentanti tal-Bank of Valletta minkejja li ghaddiet kopja legali tal-kontro mandat lil manager tal-Bank

8. Jidher li l-Bank Manager skont ma gie verbalizzat minn Dr. Mifsud fis-seduta tas-16 ta' Ottubru, 2016 ma kienx kuntent bil-kontro mandat u ghalhekk l-kwerelanti ma zbankatx dak dovut lilha.

9. Jidher ukoll li apparti dan il-kaz pendenti bejn l-appellant u l-parte civile ma hemm l-ebda kaz iehor li jirrigwarda hlas ta' manteniment.

10. Rat ukoll in-nota li giet prezentata kontestwalment nhar is-17 ta Ottubru, 2018 fejn il-partijeit infurmaw lil din l-Onorabbli Qorti bis-segwenti:-

*"Li permezz taghha huma qeghdin jiddikjaraw illi in vista tar- riluttanza tal -Bank of Valletta plc, illi jirrilaxxja il- €200 depositati fil-kont bankarju tal- parte civile Annabell Cachia mill-esponenti, liema somma kienet tirrapprezenta l-hlas tal-manteniment ta' Jannar 2018, u dan minkejja ili gie dekretat kontro mandat fuq l-imsemmi kont, liema azzjoni da parti tal- bank il-partijiet jaqblu ili hija abbusiva u illegali. L-imsemmi Julian Cachia qieghed ihallas is-somma ta' €200 lill-Annabelle Cachia li min naha tghha taccetta u tobbliga ruhha illi thallas lura l-imsemmija somma ta' €200 wara li jigi rilaxxjat il-manteiment presentment mizmum mill-bank "*

Illi ghalhekk jidher li in effetti l-hlas dovut mill-appellant illum sar b'mod effettiv minkejja li kien ghamel id-deposit fil-kont tal-kwerelanti disgha xhur ilu qabel ma l-ewwel Qorti ghaddiet biex tghati s-sentenza fejn sabithu hati li ma hallasx manteniment lil martu l-kwerelanti ghax-xahar ta Jannar 2017.

Illi kif mistqarr fis-sentenza moghitja mill-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Joseph Micallef</u>**[1] li ghamlet referenza ukoll ghal sentenza ohra moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet "**<u>Il-Pulizija vs Publius Said</u>**[2]",

[1] Preseduta mill-Imhallef J. Galea Debono fis-seduta tas-27 ta' Lulju, 2006

[2] Deciza fil-25 ta Settembru 2003

"... l-*ghan ewlieni tal-legislatur meta ntroduca din il-kontravenzjoni xi ftit tas-snin ilu kien li jgib pressjoni fuq persuni li jkunu riluttanti li jhallsu manteniment lid-dipendenti taghhom biex effettivament ihallsu w mhux biss li jippunixxi ghall-ksur tal-ordnijiet tal-Qrati, li, kif intqal, ghandhom dejjem jigu obduti w osservati skrupolozament. F'dan il-kaz dan il-ghan ghan issa ntlahaq bil-hlas fuq imsemmi*".

Illi l-elementi tar-reat li dwaru l-appellanti qieghed jinterponi dan l-umli appell skond il-gurisprudenza kostanti tal-Qorti tal-Appell Kriminali hekk kif espressa fis-sentenza fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Raymond Cutajar**[3]' huma:-

"*ghall-finijiet tal-imsemmi artikolu 338(z) hu bizzejjed li l-prosekuzzjoni tipprova:*

*1. Li nghata ordni minn Qorti ghall-hlas ta' manteniment (billi ggib kopja legali tad-digreit bhal ma sar f'dan il-kaz, jew kieku si tratta ta' ordni kontenut f'sentenza, kopja legali tas-sentenza relattiva).*

*2. Li dak il-manteniment ma thallasx fi zmien hmistax (15) il-jum minn dak il-jum li fih skond l-ordni, kellha tithallas is-somma*'.[4]

Illi l-ghan ewlieni tal-ligi intlaqa' f'dan il-kaz stante li l-hlas sar. Pero' xorta jibqa' l-fatt li l-appellant ghamel il-pagament dovut minnu tardivament u ghalhekk il-kontravenzjoni ut sic tirrizulta provata.

Il-Qorti jiddispjaciha tara kif l-Banek qed juzaw din il-burokrazija kollha meta quddiemhom ghandhom mara li qed tittallab li tizbanka il-flejjes taghha rappresentanti l-manteniment dovut lil minuri taghha u meta f'idejha ghandha kopja ta' kontro mandat legali. **Dan l-agir tal Banek fic-cirkostanzi tal- kaz ghandu jieqaf u dan sabiex jigi evitati proceduri u spejjez inutili l-Qorti** .[5]

Hija ħaġa tajba li ntlaħaq arranġament bejn il-partijiet dwar is-sitwazzjoni tagħhom u dwar il-manteniment li kien dovut u fiċ-ċirkostanzi kollha ta' dan il-każ kif żviluppaw din il-Qorti tara li piena ta' detenzjoni ma tiswa xejn lil ħadd, la lis-

[3] Deciza fit-2 ta' Settembru, 1999

[4] Enfasi ta din l-Qorti.

[5] Enfazi tal Qorti.

soċjeta' li sentenza restrittiva tal-liberta għaliha dejjem okkażżjoni ta' swied il-qalb, la lill-amministrazzjoni tal-ġustizzja, li ma għandha xejn x'tiggwadanja iżjed darba li l-ordni tal-Qorti kienet ġiet issa esegwita, la jista' jkollha xi effett riformatur in kwantu li s-sitwazzjoni ta' bejn l-appellant u martu ġiet definittivament riżolta, u ċertament anqas ma hi indikata bħala mezz ta' deterrent ġenerali peress li tali piena tista' sservi biss sabiex iġġarraf mill-ġdid l-għaqda familjari li llum nħolqot bejn l-appellant u l-minuri bintu.

B'danakollu, l-Qorti ma hix bi ħsiebha tinkoraġixxi l-għemil tal-appellant billi min ikun fil-pożizzjoni tiegħu jaħseb li jkun jista' jinjora l-ordni tal-Qorti u jonqos mill-obbligi tiegħu tal-ħlas ta' manteniment fiz-zmien propizju tieghu.

Għalhekk, filwaqt li din il-Qorti ser tħassar il-piena ta' detenzjoni imposta mill-ewwel Qorti sejra timponi piena pekunjarja bħala waħda l-aktar indikata għaċ-ċirkostanzi waqt li tieħu kont ukoll tal-fatt li kull nuqqas ta' pagament ta' rata ta' manteniment jikkostitwixxi reat separat u fil-każ odjern jirriżulta li kien hemm biss hlas ta' pagament tardiv.

Għall-motivi premessi l-Qorti tilqa' l-appell tal-appellant Julian Cachia billi tħassar is-sentenza appellata fejn kkundannat lill-istess appellant għal ġimgħa detenzjoni u minflok tikkundannah għall-ħlas ta' ammenda fl-ammont ta' ħamsa u ghoxrin euro (€25) u tikkonfermha fil-bqija.

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur